# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Lulju 2000

**Numru 25**

**Citaz. numru 486/87 DS**

Dr. Joseph A. Schembri LL.D. bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Manifattura Ceramica Scic S.R.L. tal-Italja
vs
Oliver Abela

Illum, 24 ta' Lulju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-attur biegh u fornixxa lill-konvenut fil-24 ta' Gunju 1986, fuq ordni li dana ghamel fl-ammont ta' Lit.22.242.620 skond fattura numru 370 ghall-diversi oggetti ta' kmamar tal-banju tal-kondizzjoni illi l-konvenut iffirma tratta bi skadenza ta' 30 giorni pagabbli lil Mid-Med Bank Ltd. fl-ammont fuq indikat.

Illi l-konvenut talab u ottjena proroga tal-iskadenza tal-pagament l-ewwel sal-24 ta' Lulju 1986 u wara dal-31 ta' Awissu, 1986 u ghad sallum ma hallasx.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-attur nomine, il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddeciedi il-kaz ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza.

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine l-ekwivalenti f'liri Maltin ghall-Lira Taljana tnejn u ghoxrin miljun, mitejn u tnejn u erbghin elf sitt mija u ghoxrin (Lit. 22.242.620) prezz ta' merce lilu mibjugha u konsenjata u dan ukoll skond tratta minnu iffirmata favur l-attur nomine li kellha tigi mhallsa, skond kif prorogata bonarjament fit-13 ta' Awissu 1986.

Bl-imghax legali mill-13 ta' Awissu 1986 u bl-ispejjes komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-prezenti kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi mhux minnu illi l-eccipjent hu debitur tal-attur nomine fl-ammont reklamat fic-citazzjoni, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi l-eccipjent kien ftiehem mas-socjeta' attrici, ghall-ispedizzjoni ta' certu tip ta' merkanzija li kien jikkonsisti f'oggetti tal-kmamar tal-banju. Meta waslet il-merkanzija l-eccipjenti skopra illi l-ordni lilu mibghuta ma kienx skond il-ftehim.

3. Illi l-merkanzija li waslet kienet tikkonsisti f'bicciet imkissra, li manifestament gew moghbija fil-container f'dan l-istat, bicciet irreparati, bicciet neqsin, biex b'hekk ma jkunx jista jinbiegh sett komplut, it-tonalita' ta' diversi bicciet tal-istess sett kien differenti u certi settijiet ma kienux tal-kwalita pattwita u cioe' "prima qualita".

4. Illi l-container li kien fih dina l-partita ta' merkanzija kellu jinkludi wkoll bicciet li kellhom jinbidlu minn spedizzjonijiet precedenti u fil-fatt ebda bicca ta' dan ma wasal xejn u b'hekk l-attur nomine naqas mill-ftehim li kien ghamel.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l4 ta' Novembru 1991 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Alex Perici Calascione bhala perit legali in sostituzzjoni tal-perit legali precedenti l-Avukat Dottor Alberto Magri, u dan biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur nomine, wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-23 ta' Gunju 1993 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Mallia in sostituzzjoni tal-perit legali precedenti;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-8 ta' Marzu 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda konsenja ta' oggetti tal-kmamar tal-banju li baqghet ma thallsitx mill-konvenut. L-eccezzjonijiet tieghu jippernjaw fuq id-difiza li l-oggetti konsenjati ma kinux tal-kwalita` pattwita. Huwa jsemmi bicciet imkissrin, bicciet neqsin, bicciet irreparati, tonalitajiet differenti u settijiet mhux ta' "prima qualita`".

Issa l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili jiddisponi hekk:

> ***"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita` imwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti."***

L-abbli perit legali jaghmel referenza ghall-gurisprudenza taghna li tghid li biex ix-xerrej jista' jirnexxi fir-rimedju tieghu taht l-artikolu 1390 li ma jkunx tenut ihallas il-prezz, irid **jirrifjuta** l-oggett mal-konsenja jew hekk kif jinduna li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita. Huwa jirreferi, fost ohrajn, ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Jannar 1989 fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Borg vs John Xuereb" (Vol. LXXIII.ii.260) fejn gie ritenut li:

> *"ma hemmx dubju li fil-kaz ta' konsenja ta' oggett mhux tal-kwalita` pattwita l-komprátur jista' jaghzel li jzomm l-oggett u jippretendi li jhallas prezz inqas u gie wkoll diversi drabi ritenut minn dawn il-Qrati li r-ricezzjoni ta' l-oggett u l-uzu tieghu mill-kumpratur allavolja jkun konsapevoli li mhux tal-kwalita` pattwita jeskludi mbaghad il-possibilita` li l-istess kumpratur jaghzel li jitlob ir-risoluzzjoni tal-bejgh. Infatti kif gie deciz f'Mizzi vs Refalo noe (Vol. XXI.iii.49) 'il rifiuto della mercia non e` piu` possibile quando ricevuta la stessa, il compratore ne disponga anche in parte'. L-istess gie deciz minn din*

*il-Qorti in re: Buttigieg vs Hirst (Vol. XXXII.i.163) u cioe` illi 'x-xerrej ghandu dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh meta l-oggett ma jkunx konformi ghall-ftehim avolja jkun ircieva l-oggett sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt bil-fatt tieghu stess'."*

Fil-kaz in ezami l-konvenut qieghed jippretendi li ma jhallas xejn. Jekk il-merkanzija in kwistjoni kien fiha tant difetti kien imissu rrifjutaha mill-ewwel. It-tipi ta' difetti li lmenta dwarhom zgur ma kinux ta' natura mohbija. Fix-xiehda tieghu stess (seduta peritali ta' l-1 ta' Ottubru 1993) ighid li meta wasal l-container "mhux talli ma kienx hemm fih il-materjal sostitwibbli, izda kien baghat aktar problemi minn qabel". Huwa mbaghad isostni li kien ikkuntattja lil Giancarlo Costantini bit-telefon li qallu li se jibghat container iehor li pero` ma wasal qatt. Nonostante dan huwa ma istitwiex kawza ghad-danni kontra s-socjeta` attrici u l-merkanzija li kien hemm fil-container qal li "parti qeghdin ghandna, parti armejnihom u parti mibjughin biex inkopru l-ispejjez li ghamilna" (seduta peritali ta' l-24 ta' April 1996).

Jigifieri l-konvenut ghamel il-kuntrarju ta' dak li l-insenjament tal-Qrati taghna jrid. Oltre dan, kif ukoll tajjeb osserva l-perit legali, il-provi li ressaq il-konvenut lanqas ma huma konklussivi. Il-Qorti tosserva, per ezempju, li meta l-konvenut esebixxa ritratti fis-seduta ta' l-1 ta' Ottubru 1993, hu stess qal li dawn huma ritratti tad-diversi konsenji li rcieva (meta din il-kawza tirrigwarda l-ahhar konsenja). Inoltre numru sostanzjali mill-"agreements" kancellati li huwa esebixxa gew iffirmati diversi xhur qabel ma waslet il-merkanzija in kwistjoni u ma jidhirx li jirrigwardaw tali merkanzija. Bhalma hi x-xiehda ta' Francis Scifo u Godfrey Curmi li tirrigwarda konsenji antecedenti; filwaqt li dwar ix-xiehda ta' George Buhagiar m'hemm xejn x'jindika li l-ordni tieghu kienet tirrigwarda proprju din il-konsenja. Barra minn hekk ma tistax tigi injorata x-xiehda ta' Sergio Carabelli, il-bniedem tekniku tas-socjeta` attrici.

Azzjoni tempestiva da parti ta' xerrej hi mehtiega sabiex l-oggetti konsenjati jkunu jistghu jibqghu individwati u l-allegazzjoni tieghu ta' konsenja difettuza ezaminata bi precizjoni. Fil-kaz in ezami l-konvenut ma ghazel l-ebda wiehed mir-rimedji li ttieh il-ligi u, galadarba ppretenda li ma kellu jhallas xejn kien imissu rrifjuta l-konsenja. Il-konvenut (apparti l-fatt li l-Qorti ma tistax ma tesprimiex il-fehma taghha li huwa ma rnexxilux jipprova almenu fuq bilanc ta' probabilita` l-allegazzjoni tieghu li l-merkanzija ma kenitx tal-kwalita` pattwita) bil-fatt tieghu stess tilef id-dritt li jxolji l-bejgh.

Is-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lit. 22,242,620. F'dar-rigward hemm ix-xiehda mhux kontradetta ta' Giancarlo Costantini. Ghhalhekk it-talba attrici timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine l-ekwivalenti f'liri Maltin ghal lira taljana tnejn  u ghoxrin miljun, mitejn u tnejn u erbghin elf, sitt mija u ghoxrin (Lit. 22,242,620) kif mitlub u dan bil-"middle rate" tallum. Bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**